# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 2400/99 AJM

Kawza numru

Simonds Farsons Cisk Plc

Vs

Noel Palmier

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta' Novembru 1999 li permezz taghha is-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi bi skrittura privata li ggib id-data tal-1 ta' Novembru, 1994, id-ditta attrici ghaddiet lill-konvenut is-somma ta' LM2,000, filwaqt li l-konvenut, li kien jiggestixxi l-istabiliment maghruf bl-isem ta' Beverly's Bar and Restaurant u Clover Bar and Restaurant, Bugibba, obbliga ruhu "not to sell, exhibit or put up for sale any beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters except those beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters produced or marketed by the company", cioe ta' dik attrici, u dana ghall-perjodu mehtieg sakemm il-konvenut jiskonta s-somma moghtija lilu b'discounts fuq prodotti mixtrija minghand id-ditta attrici; illi l-konvenut kiser dan

il-ftehim u, ghalhekk, il-konvenut ghandu jitqies li ddekada mill-beneficcju tat-terminu moghti lilu u ghandu jigi kkundannat jhallas kull bilanc dovut; illi mill-imsemmija somma ta’ LM2,000, il-konvenut ma lahaq skonta xejn u ghalhekk irid jirrifondi s-somma ta’ LM1,393.09 (sic); illi l-konvenut interpellat biex ihallas din is-somma, anke ufficjalment, baqa’ inadempjenti; illi l-konvenut ma ghandhux eccezzjoni xi jgib kontra t-talba ghall-hlas; talbet li din il-Qorti:-

1. previa id-dispensa tas-smigh tal-kawza in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili – ghar-ragunijiet fuq imsemmija,
2. tiddikjara li l-konvenut agixxa bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi u ghandu ghalhekk jirrifondi lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta’ LM1,393.09, u
3. jig kundannat ihallas lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta’ LM1,393.09 (elf, tlett mija u tlieta u disghin liri maltin u disa’ centezimi) dovuti lilha kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Awissu, 1999 u bl-imghaxijiet legali tat-8% mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Jannar 2000 li permezz tieghu l-konvenut gie awtorizzat jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-28 ta' Jannar 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li m'huwiex minnu li l-konvenut kiser il-ftehim kontenut fl-iskrittura tal-1 ta' Novembru 1994.
2. Illi anke kieku l-ftehim inkiser mill-konvenut l-ammont dovut minnu kien ikun ferm inqas.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2001 meta l-kawza giet imollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Bi skrittura privata ta' l-1 ta' Novembru 1994 il-konvenut obbliga ruhu li, bhala li jiggestixxi li stabbilimenti f'Pioneer Road, Bugibba bl-ismijiet Beverly's u Clover, it-tnejn bar u restaurant, jbiegh biss minerali, mixers, fruit juices, squashes u ilma tas-socjeta' attrici ghad-eskluzzjoni ta' prodotti simili ta' ditti ohrajn. In kontrakambju is-socjeta' attrici tat lill-konvenut is-somma ta' LM2,000 li kellha tithallas lura mid-'discounts' li l-konvenut kien ser jgawdi fuq dawn il-prodotti skond

skeda annessa mal-istess ftehim. Il-partijiet inoltre ftehmu li dan il-ftehim li jibqa' jsehh sakemm l-ammont imsemmi jinqata' bil-mod kif stipulat.

F'kaz ta' trasferiment tal-gestjoni tal-hwienet, fid-dekorrenza tal-ftehim, il-konvenut obbliga ruhu li jassigura li t-terz jaccetta u obbliga ruhu li jezegwixxi l-obbligi konvenuti. U fl-eventwalita' u sakemm it-terz jigi accettat mis-socjeta' attrici huwa kellu jibqa' responsabbli ghall-obbligi naxxenti mill-kuntratt.

F'kaz li l-konvenut jonqos minn xi wiehed mill-obbligi assunti fil-ftehim hu jkun obbligat li jhallas lura l-ammont lilu moghti u jhallas id-danni sofferti mis-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat:-

Qed jigi allegat mis-socjeta' attrici li l-konvenut agixxa bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt, u ghalhekk iddekada mill-beneficcju tat-terminu, inkwantu dan biegh prodotti konsistenti f'birra, u soft drinks, mhux tas-socjeta' attrici. In effetti qed jinghad li l-konvenut bejgh birra tal-marka Lowenbrau kif ukoll il-Coca Cola. Il-konvenut qed isostni l-kuntrarju billi jichad li huwa qatt ghamel hekk mill-istabilimenti imsemmija fl-iskrittura.

Ghandu jinghad qabel xejn li l-iskrittura ta' l-1 ta' Novembru 1994 ma titkellimx dwar 'birra' ghalhekk kull referenza li saret ghal dan il-prodott hija ghal kollox irrilevanti billi l-konvenut ma kienx, bhala konsegwenza tal-ftehim, mizmum mill-jibiegh dan il-prodott ta' ditta ohra. Anke ir-referenza ghall-uzu tal-pompi tad-ditta attrici ghall-bejgh tal-birra Lowenbrau, ma ghandha ebda relevanza ghal kaz billi l-istess pompi ma

jifformawx mertu tal-ftehim u fi kwalunkwe kaz jidher li s-socjeta' attrici gja hadet, kif kellha kull dritt li tieghu, l-azzjoni apposita meta nehhietlu l-apparat tad-"drought beer".

Illi dwar l-esposizzjoni u il-bejgh tal-Coca Cola jidher li l-attur ma irnexxilux jipprova l-kaz tieghu. Infatti mix-xhieda prodotti mill-atturi kull ma jirrizulta hu li f'xi okkazzjoni is-salesman tad-ditta attrici kien ra kaxxex tal-Coca Cola fuq il-bankina quddiem l-istabiliment maghruf bhala Clover Bar and restaurant u anke fl-istore li jinsab taht l-istess stabiliment. Izda ma tressqet ebda prova li dan il-prodott kien qed jigi espost ghal bejgh u li jinbiegh mill-istabilimenti milquta bil-ftehim. Ghal kuntrarju l-konvenut psjega b'mod sodisfacjenti u minghajr ma gie kontradett, li huwa kellu stabilimenti ohra oltre dawk imsemmija fl-iskrittura u li l-istore taht l-fond Clover kien jintuza sabiex tigi storjata l-merkanzija ghall-istabilimenti kollha gestiti minnu. Issa l-konvenut kien prekluz li jesponi ghal bejgh u jbiegh prodotti mhux tas-socjeta' attrici mill-fondi imsemmija fl-iskrittura u ma kellux divjet li jaghmel dan fir-rigward tal-istabilimenti l-ohra kollha li setghu kienu gestiti minnu. Konsegwentement jekk il-konvenut kellu fil-pussess tieghu prodott mhux tas-socjeta' attric, izda fi store u mhux fil-hwienet imsemmija, dan ma jiggova xejn lit-tezi attrici.

Ghalhekk jidher li l-allegazzjoni tas-socjeta' attrici fis-sens li l-konvenut kiser l-obbligu impost fuq li ma jbieghx prodotti ta' suppliers ohra, ma tirrizultax.

Jigi osservat izda li seta' kien hemm da parti tal-konvenut ksur iehor tal-obbligi imposti fil-ftehim. Izda mill-premessi tac-citazzjoni jidher li l-bazi tat-talbiet attrici kienet proprju l-bejgh ta' prodotti ta' ditta ohra, li

wara kollox kienet l-bazi tal-ftehim. Billi pero' din il-Qorti trid tillimita l-konsiderazzjoni tal-vertenza kif proposta mill-attur ma tistax tezamina l-portata ta' nuqqasijiet ohra da parti ta' l-attur fil-konfront tal-ftehim fuq imsemmi u f'dan ir-rigward tirriserva kull dritt tas-socjeta' attrici si et quatenus.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li ma kienx hemm ksur tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet inkwantu ma jirrizultax li l-konvenut bejgh prodotti ta' ditta ohra mill-istabilimenti imsemmija fil-ftehim, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri